Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 90/12 (JE).

Maria Rosaria Casha Monsigneur

vs

Auto Sales Ltd.

Illum, 16 ta' Mejju 2013.

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba ta' Maria Rosaria Casha Monsigneur tas-26 ta' Marzu 2012 fejn talbet kumpens ta' € 3,495 peress illi l-vettura li kienet xtrat mingħand is-soċjetà konvenuta kellha difett moħbi illi baqa' ma' tranġax.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi stqarret illi Mario Xuereb ma għandu ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrent u għalhekk, għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju, illi t-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 1431 tal-Kap. 15 u illi m'hux minnu illi l-karozza fiha difetti moħbija.

Sema l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-attriċi ppreżentat ritratti MCM 1 u MCM 2 tal-karozza kif ħarġet mingħand is-soċjetà konvenuta illi fihom jidher ċar id-difett fiż-żebgħa tal-bieba ta' wara tal-lemin u qed tiddikjara illi wara inċident illi kellha f'Diċembru li għadda, l-istess bieba nżebgħet għas-sodisfazzjon tagħha a spejjeż tal-assiguratur ta' terz. Madankollu, ma' ġabet l-ebda prova illi x-xogħolijiet rimedjali mwettqa mis-soċjetà konvenuta ma kienux adekwati jew le, anzi ex admissis, illum, il-karozza qiegħda fi stat li lilha jissodisfaha.

It-Tribunal ma jistax jagħti kumpens jekk ma jiġiex ppruvat fuq bażi ta' probabiltajiet illi l-konsumatur soffra dannu u l-kummerċjant ma rrimedjax tali dannu jew l-anqas biss ipprova jirrimedjah. Fil-każ odjern, joħroġ ċar illi l-kummerċjant għamel bosta sforzi sabiex jindirizza l-ilmenti tal-attriċi u fattwalment, tali lment illum ġie ndirizzat. Anke jekk tali lment ġie ndirizzat minn terzi u m'hux mis-soċjetà konvenuta, fatt illi t-Tribunal huwa nċert

fir-rigward minħabba nuqqas ta' provi da parti tal-partijiet, l-attriċi m'għandha l-ebda dritt għal rimedju jew riżarċiment ġjaladarba l-ilment oriġinali ex admissis m'għadux jissussisti.

Għaldaqstant, it-Tribunal l-anqas għandu għalfejn jindirizza l-eċċezzjonijiet l-oħra tas-soċjetà konvenuta.

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.